



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Marzu 2020 – Il-Kummissjoni vs Ċipru (Ġbir u trattament tal-ilma urban mormi)

(Kawża C-248/19)¹

“Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva 91/271/KEE – Trattament tal-ilma urban mormi – Artikoli 3, 4, 10 u 15 – Anness I, punti A, B u D – Assenza ta' sistemi ta' ġbir ta' ilma urban f'ċerti agglomerazzjonijiet – Assenza ta' trattament sekondarju jew ta' trattament ekwivalenti tal-ilma urban mormi – Bini u operat ta' impjanti tat-trattament”

1. *Ambjent – Trattament tal-ilma urban mormi – Direttiva 91/271 – Issuġġettar għal trattament sekondarju tal-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir – Assenza – Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern – Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikoli 3, 4 u 10 u Anness I, punt B)

(ara l-punti 27, 31, 36-39, 43)

2. *Ambjent – Trattament tal-ilma urban mormi – Direttiva 91/271 – Garanzija għall-ilma mormi tal-osservanza matul iż-żmien tal-kundizzjonijiet ta' kwalità meħtieġa sa mill-funzjonament tal-installazzjoni ta' trattament – Assenza – Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

(Direttiva tal-Kunsill 91/271, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1), u Anness I, punti B u D)

(ara l-punti 41, 42)

Dispożittiv

- 1) Billi naqset:
 - milli tgħammar b'sistema ta' ġbir tal-ilma urban mormi 31 agglomerazzjoni (Aradippou, Ypsonas, Dali, Voroklini, Deryneia, Sotira, Xylophagou, Pervolia, Kolossi, Poli Chrysochous, Leivadia, Dromolaxia, Pera Chorio-Nisou, Liopetri, Avgorou, Paliometochos, Kiti, Frenaros, Ormideia, Kokkinotrimithia, Trachoni, Episkopi, Xylotympou, Pano Polemidia, Pyla, Lympia, Parekklesia, Kakopetria, Achna, Meneou u Pyrgos) u

¹ ĠU C 213, 24.6.2019.

- milli tiggarantixxi, għal dawn l-istess agglomerazzjonijiet, li l-ilma urban mormi li jippenetra fis-sistemi ta' għbir jiġi suġġett għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti qabel ma jintrema,

ir-Repubblika ta' Ċipru naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 2, 4, 10 u 15 kif ukoll l-Anness I, punti A, B u D tad-Direttiva 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi, kif emendata bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1137/2008 tat-22 ta' Ottubru 2008.

- 2) Ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż.